MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 79/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lawrence Attard Glivau**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Attard Glivau talli fl-24 ta' Ottubru 2006 u / jew fil-granet ta' qabel din id-data fl-inhawi ta' Birzebbugia bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm jew ikollu f'idu jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjon b'mod li ma jkunux jistghux jigu f'idejn haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Attard

Glivau hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ mitt lira Maltin (Lm100) kif ukoll ordnat il-konfiska tal-oggetti esibiti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Lawrence Attard Glivau pprezentat fit-22 ta’ Frar, 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-istess appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta’ l-appellant fis-seduta tallum stess;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi.

Ix-xiehda tal-prosekuzzjoni jikkonsistu fix-xiehda permezz ta’ affidavit ta’ P.C. 804 Leonard Formosa u ta’ P.S. 1298 Lambert Zammit li t-tnejn jghidu li fl-24 ta’ Ottubru 2006 saret tfittxija go kamra li tinsab f’Ta’ Bronja. Skond dawn ix-xhieda, giet innutata tieqa miftuha u xi kaxxi tal-munizzjon. Qalu li Mario Attard Glivau qal li dawn kienu ta’ huh Lawrence. L-istess xhieda qalu li Lawrence Attard Glivau “gie mitkellem”(*sic!*) fl-ufficcju ta’ l-A.L.E. u li dan qal li huh jista’ jghid li jrid pero` l-iskratac ma humiex tieghu.

Huwa inkoncepibbli ghal din il-Qorti kif jistghu jittiehdu proceduri kontra persuna semplicement fuq allegazzjoni ta’ persuna li l-anqas biss giet indikata bhala xhud fil-lista tax-xhieda fuq il-komparixxi u wisq anqas ittellghet biex tixhed. Imbaghad l-appellant cahad mal-Pulizija li l-iskratac kienu tieghu, b’mod konsistenti rrifjuta li jiffirma rcevuta mahruga mill-Pulizija dwar l-istess munizzjon, u ghal darb’ohra quddiem din il-Qorti cahad li kien jaf bil-munizzjon in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u ghalhekk tilliberah minn tali imputazzjoni u mill-piena nflitta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------